



# It-Trinità Qaddisa fil-kwadru titulari tal-Knisja ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ

*Mario Fenech*

Waħda mill-opri sagri ta' valur artistiku kbir li nsibu f'dil-knisja arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ hija l-kwadru titulari ta' San Filep, xogħol tal-artist Gianluca Garnier.

Dan huwa kwadru li fih is-suġġett huwa wieħed kumpless b'numru kbir ta' figuri li l-artist irnexxielu jinkludi fuq it-tila b'kapaċità artistika li l-ebda wieħed minn dawn ma jtellef l-attenzjoni tal-figuri l-oħrajn.

L-artist Fra Lucas Garnier twieled fi Franza, kien membru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u kien jgħix f'Malta. Fil-knisja arċipretali ta' San Filep huwa għandu tliet xogħlijiet. Dawn huma l-kwadru titulari li jinsab fuq l-artal tal-kor, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab f'waħda mis-sagristiji ta' din il-knisja u l-kwadru ta' fuq l-altar fil-kappellun tal-erwieħ.

Meta ġie mqabbad biex jagħmel il-kwadru titulari bejn Diċembru tas-sena 1661 u Marzu tas-sena 1663 huwa kien diġà għamel iż-żewg xogħlijiet li semmejna, għaldaqstant il-prokuraturi tal-knisja kienu diġà ntebħu bil-kapaċitajiet ta' dan l-artist. Il-kwadru jixbah ħafna lil dak ta' fuq l-altar tal-erwieħ bix-xena mqassma fil-parti ta' fuq u fil-parti t'isfel tat-tila.

Il-figura tal-Missier Etern tiddomina x-xena fejn dan narawh bilqiegħda fuq tron ta' sħab abjad qiegħed iżomm f'idu Dinja kbira. Fuq in-naħa tax-xellug il-figura tal-Iben b'xettru f'idejh il-leminja, hawnhekk ippreżentat bħala Kristu Re, filwaqt li b'idu l-oħra qiegħed juri l-Ispirtu s-Santu. Dan tal-aħħar l-artist pinġieh ukoll fuq sħaba bajda u, għalkemm dan qiegħed ukoll fuq il-parti ta' fuq tat-tila, is-sħaba li qiegħed fuqha hija kemxejn 'l isfel minn dik li fuqha hemm it-Trinità Qaddisa.

Fir-rokna ta' fuq jidhru żewġ anġli żgħar b'wieħed minnhom qiegħed iżomm żewġ simboli ta' dan il-qaddis mexxej tal-Knisja.

San Pietru għarkupptejh iħares lejn ix-xena tat-Trinità Qaddisa qiegħed juri b'idu lil San Filep t'Aġġira li qiegħed fil-parti tan-nofs tat-tila. Il-figura ta' San Pietru ġiet inkluża f'dan il-kwadru għax



skont it-tradizzjoni jingħad li kien San Pietru stess li bagħat lil San Filep jipprietka l-kelma t'Alla fil-parti t'isfel tal-Italja.



Bejn iż-żewġ partijiet tat-tila tidher il-muntanja Etna bid-duħħan tiela' minnha. San Filep narawh bilwieqfa liebes stola b'id waħda mgħollija 'l fuq u bl-oħra jżomm salib żgħir. Din hija xena fejn il-qaddis qiegħed jagħmel wieħed mill-mirakli tiegħu bl-interċezzjoni ta' San Pietru. Huwa qiegħed ikeċċi lix-xitan minn wieħed midneb għarkupptejh quddiemu nofsu mneżża' miżmum minn żewġt irġiel.

Għal dan ix-xogħol l-artist kien imħallas skud kif jidher fir-reġistru tal-parroċċa bid-data ta' Mejju. Ħafna jqisu x-xogħol bħala l-aħjar wieħed minn fost ix-xogħlijiet li ħallielna dan l-artist fil-gżejjer Maltin. Il-festi t-tajba lil kulħadd.